REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/459

tad-19 ta' Marzu 2015

li jispeċifika l-karatteristiċi tekniċi tal-modulu *ad hoc* tal-2016 dwar iż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol previst mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7a(5) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex jiġi mmonitorjat il-progress lejn l-objettivi komuni stabbiliti fl-Istrateġija Ewropa 2020 u l-inizjattiva ewlenija relatata "Żgħażagħ Attivi" [2], hemm bżonn ta' sett komprensiv ta' dejta dwar iż-żgħażagħ u t-tranżizzjoni tagħhom lejn is-suq tax-xogħol li tippermetti paraguni bejn l-Istati Membri.

(2) Fil-Komunikazzjoni tagħha *Reviżjoni tal-Edukazzjoni: Ninvestu fil-ħiliet għal eżiti soċjoekonomiċi aħjar* [3], il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri jintroduċu riformi fis-sistemi edukattivi tagħhom sabiex iż-żgħażagħ ikunu mgħammra bil-ħiliet it-tajba għall-impjiegi.

(3) Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Novembru 2009 dwar qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (2010–2018) [4], il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li wieħed ikun jaf iktar, u jifhem aħjar, il-kondizzjonijiet tal-għajxien, il-valuri u l-attitudnijiet tan-nisa u l-irġiel żgħażagħ.

(4) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-22 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ [5], il-Kunsill iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw l-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ malajr kemm jista' jkun, preferibbilment sa mill-bidu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014–20. Dawn huma mħeġġa jużaw il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej tal-UE u l-Fond Soċjali Ewropew b'mod partikolari għal dan il-għan.

(5) Fil-Komunikazzjoni tagħha *Naħdmu flimkien għaż-żgħażagħ tal-Ewropa: Sejħa għal azzjoni fir-rigward tal-qgħad fost iż-żgħażagħ* [6], il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw il-Garanzija għaż-Żgħażagħ u biex jinvestu fiż-żgħażagħ. Din tippromwovi servizzi onlajn li jippermettu liż-żgħażagħ ifittxu opportunitajiet ta' xogħol reklamati minn impjegaturi mill-Istat Membru tagħhom stess u oħrajn, filwaqt li tgħin lill-SMEs jimpjegaw żgħażagħ mill-Ewropa kollha.

(6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 318/2013 [7] jistabbilixxi l-modulu *ad hoc* tal-2016 dwar iż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol.

(7) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1397/2014 [8] jispeċifika u jiddeskrivi l-oqsma ta' informazzjoni speċjalizzata ("submoduli *ad hoc*") li jridu jiġu inklużi fil-modulu *ad hoc* tal-2016 dwar iż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol.

---

[1] ĠU L 77, 14.3.1998, p. 3.

[2] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, *Żgħażagħ Mobbli: Inizjattiva biex jinħareġ il-potenzjal taż-żgħażagħ biex jinkiseb it-tkabbir bil-għaqal, sostenibbli u inklużiv fl-Unjoni Ewropea*, adottata fil-15 ta' Settembru 2010, COM(2010) 477 final.

[3] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: *Reviżjoni tal-Edukazzjoni: Ninvestu fil-ħiliet għal eżiti soċjoekonomiċi aħjar*, adottata fil-20 ta' Novembru 2012, COM(2012) 669 final.

[4] ĠU C 311, 19.12.2009, p. 1.

[5] ĠU C 120, 26.4.2013, p. 1.

[6] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Naħdmu flimkien għaż-żgħażagħ tal-Ewropa: Sejħa għal azzjoni fir-rigward tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, adottata fid-19 ta' Ġunju 2013 — COM(2013) 447 final.

[7] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 318/2013 tat-8 ta' April 2013 li jadotta l-programm ta' moduli *ad hoc*, li jkopri s-snin mill-2016 sal-2018, għall-istħarriġ permezz ta' kampjun dwar il-forza tax-xogħol previst mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 99, 9.4.2013, p. 11).

[8] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1397/2014 tat-22 ta' Ottubru 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 318/2013 li jadotta l-programm ta' moduli *ad hoc*, li jkopri s-snin mill-2016 sal-2018, għall-istħarriġ permezz ta' kampjun dwar il-forza tax-xogħol previst mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 370, 30.12.2014, p. 42).

(8) Ir-Regolament (UE) Nru 545/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] jistipula li l-karatteristiċi tekniċi, il-filtri, il-kodiċijiet u l-iskadenza għat-trażmissjoni tad-dejta skont kull submodulu *ad hoc* msemmi fil-Premessa 7 għandhom jiġu speċifikati mill-Kummissjoni.

(9) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-karatteristiċi tekniċi tal-modulu *ad hoc* tal-2016 dwar iż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol, il-filtri u l-kodiċijiet li għandhom jintużaw, u l-iskadenza sa meta għandha tintbagħat lill-Kummissjoni huma stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 545/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità (ĠU L 163, 29.5.2014, p. 10).

ANNESS

Dan l-Anness jistipula l-karatteristiċi tekniċi, il-filtri u l-kodiċijiet li għandhom jintużaw fil-modulu *ad hoc* dwar iż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol skedat li jsir fl-2016. Jistabbilixxi wkoll id-dati ta' meta trid titressaq id-dejta lill-Kummissjoni.

L-iskadenza biex jintbagħtu r-riżultati lill-Kummissjoni: Il-31 ta' Marzu 2017.

Il-filtri u l-kodiċijiet li għandhom jintużaw biex tintbagħat id-dejta: kif stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 377/2008 ([1]), kif emendat bl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 317/2013 ([2]).

Kolonni riżervati għall-fatturi ta' ponderazzjoni opzjonali; jintużaw f'każijiet ta' subkampjunar jew nuqqas ta' tweġiba. il-kolonni 228-231 li fihom numri sħaħ u l-kolonni 232-233 li fihom pożizzjoni deċimali.

Is-submodulu "L-isfond edukattiv"

Filtru: 15≤AGE≤ 34

Isem/Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
WORKEXP 211		**Esperjenza ta' xogħol matul l-istudji** *Esperjenza ta' xogħol imħallas jew mhux imħallas matul l-oqsma li-vell ta' edukazzjoni (HATLEVEL)*	HATLEVEL≠000
	1	Esperjenza ta' xogħol imħallas u mhux imħallas	
	2	Esperjenza ta' xogħol imħallas biss	
	3	Esperjenza ta' xogħol mhux imħallas biss	
	4	L-ebda esperjenza ta' xogħol matul il-*HATLEVEL*	
	9	Ma japplikax (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Mhux magħruf	
WORKSTUD 212		**Tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol** *It-tip ta' esperjenza ta' xogħol li hi parti mill-kurrikulu tal-oqsma livell ta' edukazzjoni (HATLEVEL)*	WORKEXP = 1-3
	1	Apprendistat (definizzjoni operazzjonali tal-Eurostat)	
	2	Taħriġ obbligatorju	
	3	Taħriġ obbligatorju bbażat fuq ix-xogħol fejn id-distinzjoni bejn l-1 u t-2 mhix possibbli	
	4	Apprendistat fakultattiv (parti mill-edukazzjoni)	
	5	Xogħol barra l-kurrikulu	
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Mhux magħruf	

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 377/2008 tal-25 ta' April 2008 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' sħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità fir-rigward tal-kodifikazzjoni li għandha tintuża għat-trażmissjoni ta' data mill-2009 'il quddiem, u l-użu ta' subkampjun għall-ġbir ta' data dwar il-varjabbli strutturali u d-definizzjoni tal-kwarti ta' referenza (ĠU L 114, 26.4.2008, p. 57).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 317/2013 tat-8 ta' April 2013 li jemenda l-Annessi tar-Regolamenti (KE) Nru 1983/2003, (KE) Nru 1738/2005, (KE) Nru 698/2006, (KE) Nru 377/2008 u (UE) Nru 823/2010 fir-rigward tal-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni (ĠU L 99, 9.4.2013, p. 1).

Isem/Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
ADDLEVEL 213-214		**Livell ta' edukazzjoni formali addizzjonali** *Il-livell u l-orjentazzjoni ta' edukazzjoni formali li l-persuna bdiet wara li laħqet l-ogħla livell ta' edukazzjoni*	EDUCSTAT = 2
	00	Ma nbdiet l-ebda edukazzjoni formali wara li ntlaħaq l-ogħla livell ta' edukazzjoni	
	10	ISCED 1	
	20	ISCED 2	
	30	ISCED 3 fejn distinzjoni skont l-orjentazzjoni mhix possibbli	
	34	ISCED 3 programm ġenerali	
	35	ISCED 3 programm vokazzjonali	
	40	ISCED 4 fejn distinzjoni skont l-orjentazzjoni mhix possibbli	
	44	ISCED 4 programm ġenerali	
	45	ISCED 4 programm vokazzjonali	
	50	ISCED 5	
	60	ISCED 6	
	70	ISCED 7	
	80	ISCED 8	
	99	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Mhux magħruf	
DROPREAS 215		**Raġuni għalfejn il-persuna titlaq mill-iskola kmieni** *Raġuni prinċipali għala ma jitlestiex il-livell ta' edukazzjoni formali mibdi*	EDUCSTAT = 2 and ADDLEVEL≠00
	0	L-aħħar edukazzjoni formali kompluta	
		Ma tlestitx l-aħħar l-edukazzjoni formali minħabba:	
	1	Il-livell ta' toqol	
	2	In-nuqqas ta' studju li jissodisfa l-ħtiġijiet jew l-interess	
	3	L-ispejjeż tal-istudji	
	4	Ix-xewqa ta' persuna li tibda taħdem	
	5	Raġunijiet ta' familja	
	6	Raġunijiet ta' saħħa	
	7	Oħra	
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Mhux magħruf	

Isem/Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
LEAVDATE 216-221		**Id-data meta persuna waqfet tieħu l-edukazzjoni formali** *Is-sena u x-xahar meta l-persuna ħalliet l-edukazzjoni formali*	EDUCSTAT = 2 and ADDLEVEL≠00
		Daħħal l-erba' ċifri tas-sena kkonċernata	
	9999	Ma japplikax (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Mhux magħrufa (sena)	
		Daħħal iż-żewġ ċifri tas-sena kkonċernata	
	99	Ma japplikax (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Mhux magħruf (xahar)	
NCONREAS 222		**Ir-raġuni għala persuna ma komplitx l-edukazzjoni** *Ir-raġuni prinċipali għala persuna ma komplitx l-edukazzjoni formali*	EDUCSTAT = 2 and ADDLEVEL = 00 u HATLEVEL = 000-500
	0	L-ogħla livell ta' edukazzjoni ġie kkunsidrat għoli biżżejjed	
	1	Il-livell ta' toqol	
	2	L-istudju ma jissodisfax il-ħtiġijiet jew l-interess	
	3	L-ispejjeż tal-istudju	
	4	Ix-xewqa ta' persuna li tibda taħdem	
	5	Raġunijiet familjari	
	6	Raġunijiet ta' saħħa	
	7	Oħra	
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Mhux magħruf	

Is-submodulu "It-tfittxija għal impjieg"

Filtru: 15≤AGE≤ 34

Isem/Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
APPOĠĠ 223		**Għajnuna mogħtija biex jinstab ix-xogħol** *It-tip ta' appoġġ, ferm utli biex wieħed isib impjieg, mogħti minn aġenziji pubbliċi matul it-12-il xahar ta' qabel*	(WSTATOR = 1,2 u STARTIME< 12) jew WSTATOR = 3-5
	0	L-ebda appoġġ mogħti	
		It-tip ta' appoġġ ferm utli:	
	1	Assistenza biex jinstabu sejħiet għall-impjiegi	
	2	Parir dwar kif tapplika għal impjieg	
	3	Parir dwar opportunitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni	

Isem/Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
	4	Qed jingħata kollokament fi programm ta' xogħol	
	5	Qed jingħata kollokament fi programm ta' edukazzjoni jew taħriġ	
	6	Oħra	
	7	Ingħata appoġġ, imma ma tqisx utli	
	8	Appoġġ mogħti, iżda l-livell ta' kemm hu utli mhux magħruf	
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Mhux magħruf	
FINDMETH 224		**Il-metodu biex jinstab l-impjieg attwali**	STAPRO = 3
		Il-metodu użat biex jinstab l-impjieg prinċipali attwali	
	1	Reklami, permezz ta' kwalunkwe mezz	
	2	Qraba, ħbieb jew konoxxenzi	
	3	Uffiċċju pubbliku għall-impjiegi	
	4	Aġenzija privata għall-impjiegi	
	5	Fornitur ta' edukazzjoni jew taħriġ	
	6	L-impjegatur ġie kkuntattjat direttament	
	7	L-impjegatur kkuntattja lill-persuna direttament	
	8	Metodu ieħor	
	9	Ma japplikax (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Mhux magħruf	
OKLEVEL 225		**L-adegwatezza tal-impjieg mogħti skont il-livell ta' edukazzjoni tal-kandidat**	WSTATOR = 1,2
		Kemm l-impjieg ewlieni attwali tal-kandidat jikkorrispondi mal-livell ta' edukazzjoni tiegħu	
	1	L-impjieg jikkorrispondi tajjeb mal-edukazzjoni tiegħu	
	2	L-impjieg, sa ċertu punt, jikkorrispondi mal-edukazzjoni tiegħu	
	3	L-impjieg ma tantx jikkorrispondi mal-edukazzjoni tiegħu	
	4	L-impjieg ma jikkorrispondi xejn mal-edukazzjoni tiegħu	
	9	Ma japplikax (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Mhux magħruf	
MOVE4JOB 226		**Id-disponibilità tal-kandidat li jiċċaqlaq għal raġuni ta' impjieg**	
		Id-disponibilità li jbiddel il-post ta' residenza għal impjieg	
	1	Il-kandidat diġà ċċaqlaq, jew ikun lest li jiċċaqlaq, f'pajjiżu stess	
	2	Il-kandidat diġà ċċaqlaq, jew ikun lest li jiċċaqlaq, għal pajjiż ieħor tal-UE	
	3	Il-kandidat diġà ċċaqlaq, jew ikun lest li jiċċaqlaq, għal pajjiż ieħor barra mill-UE	
	4	Il-kandidat ma ċċaqlaqx, jew ma jkunx lest jiċċaqlaq, għal impjieg	
	Vojt	Mhux magħruf	

Isem/Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
CMT4JOB		**Id-disponibilità tal-kandidat li jivvjaġġa għal impjieg**	
227		*Id-disponibilità tal-kandidat li jivvjaġġa fit-tul għal impjieg*	
	1	Il-kandidat bħalissa qed jivvjaġġa, jew ikun lest li jivvjaġġa, aktar minn siegħa (kull direzzjoni)	
	2	Il-kandidat bħalissa mhux qed jivvjaġġa, jew ma jkunx lest li jivvjaġġa, aktar minn siegħa (kull direzzjoni)	
	Vojt	Mhux magħruf	